MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2008

Numru. 634/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Simon Galea)**
**(Spettur Kenneth Haber)**

**Vs**

**Francois (Francis) Zammit ta' 37 sena, imwieled Attard fil-11 ta' Lulju 1970, iben il-mejjet Emanuel u Maria Dolores nee' Camilleri, residenti 15, Triq l-Imdina, Qormi u detentur ta' karta ta'l-identita' bin-numru 366370(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Francois Zammit li permezz taghha huwa gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

Billi bejn April 2006 u Gunju 2007 fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, il-Floriana, b'mezzi kontra l-ligi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti imaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' bejn Lm200 u anqas minn Lm500 bi hsara ta' haddiehor cioe' il-Gvern ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati, post u cirkostanzi, bi hsara ta' haddiehor, u cioe' il-Gvern ta' Malta ghamel qligh iehor b'qerq ta' bejn Lm200 u anqas minn Lm500;

U aktar talli fl-istess dati post u cirkostanzi iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokument iehor, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficjal pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

U aktar talli, fl-istess dati, post u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, minhabba l-kariga jew l-impieg tieghu fejn kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

U aktar, fl-istess dati, post u cirkostanzi kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, billi xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz,

U aktar talli fl-istess dati, post u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu, huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat l-artikoli tal-ligi mibghut mill-Avukat Generali tas-27 ta' Settembru 2007.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti irrizulta illi l-imputat huwa ufficjal tal-pulizija bin-numru PC1608 u ilu f'dina il-kariga ghal dawn l-ahhar tnax-il sena. Jidher illi s-servizz tieghu kien dejjem wiehed impekkabbli u kien rispettat kemm mill-kollegi tieghu tax-xoghol, kif ukoll mis-superjuri tieghu. Illi l-imputat tressaq il-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni, peress illi minn investigazzjonijiet li saru irrizulta illi l-imputat kien qieghed jiehu hlas ghal hinijiet tax-xoghol li ma ikunx hadem ghalihom.

Jirrizulta illi l-ufficjal tal-pulizija jahdmu b'sistema ta' roster li f' Gunju 2006 kien inbidel fis-sens illi l-membri tal-korp kienu qabel Gunju 2006 jahdmu roster ta' hamest ijiem xoghol u gurnata frank. Fil-granet tax-xoghol ir-roster kien ikun ta' night watch (9:00pm sa 5.00am), second watch (1.00pm sa 9.00pm), first watch (5.00am sa 1.00pm), segwiti b'night u second watch. Il-hin ta-xoghol ghalhekk kien ikun dejjem ta' tmien sighat. Wara Gunju 2006 ir-roster inbidel ghal tlett ijiem tax-xoghol u gurnata frank, jew off. Il-granet tax-xoghol kienu ikunu ta' night watch, (9.00pm sa 6.00am), second watch (1.00pm sa 10.00pm) u first watch (5.00am sa 2.00pm).

Illi meta membru tal-korp ikun ghalhekk intitolat ghal hlas zejjed ghal hinijiet tax-xoghol fejn ikun hadem bil-lejl jew inkella fil-Hdud u l-festi pubblici, huwa jimla return fejn inizzel is-sighat tax-xoghol fejn huwa intitolat ghal hlas zejjed. Dana ir-return jigi ivverifikat mis-superjuri tieghu,

imbaghad ighaddi lid-dipartiment ikkoncernat sabiex isir il-hlas.

Illi meta wiehed jezamina id-dokumenti SG9 sa SG33 tal-process jirrizulta illi fir-returns esebiti, liema returns kienu jimtlew mill-imputat (kif ikkonfermat minnu stess), hemm imnizzlin xi granet fejn l-imputat nizzel li kien xoghol, meta mir-roster tax-xoghol tieghu jirrizulta illi dana kien ikun jew bil-frank, jew *on vacation leave* jew inkella ix-xift tieghu kien ikun wiehed fejn huwa ma huwiex intitolat ghal hlas zejjed. Illi dawna r-returns gew iccertifikati bhala tajbin u korretti fil-kontenut taghhom mis-superjuri ta'l-imputat is-Surgent Maggur Carm Lino Bondin. Fil-kors tad-deposizzjoni ta' dana x-xhud madanakollu irrizulta illi s-surgent Maggur ma kienx joqghod jivverifika dawna r-returns kif kien fid-dmir ili jaghmel peress illi lill-imputat huwa kien jafdah u qatt ma kellu suspett illi dana seta' iddikjara xi haga b'ohra fihom. Huwa inoltre ighid illi kien ghaddej minn problemi personali u familjari u ghalhekk kien qed jonqos mid-doveri tieghu anke minhabba f'dina r-raguni. (ara xhieda a fol.,116 tal-process).

Illi mill-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fil-kors ta'l-investigazzjoni (Dokuemnt SG4 u SG5 a fol.11 u 14 tal-process), huwa baqa' isostni illi dawna huwa nizzilhom bi zball u li ma kellu l-ebda intenzjoni li iqarraq b'xi hadd jew li jiehu xi hlas li ma kienx haqqu jiehu. L-imputat isostni ghalhekk illi dana huwa kaz ta' "kulpa" u mhux "dolo", u ghalhekk jpnqos il-mens rea ghal dana ir-reat ta' falsifikazzjoni. Fix-xhieda tieghu quddiem dina l-Qorti, imbaghad l-imputat iressaq 'il quddiem tlett ragunijiet ewlenija 'il ghala huwa kien ghamel dawn 'l hekk imsejjha "zbalji" u cioe:

1. Illi huwa ghamel zball peress illi kien ghadu qed jahdem f'mohhu bir-roster l-antik.

2. Illi huwa kien jimla r-returns fil-bidu tax-xahar, imbaghad matul ix-xahar kien jiddeciedi jiehu xi gurnata vacation leave, izda ir-return kienet tkun diga lesta u ghalhekk ma kienx jiehu hsieb jibdilha u kien jipprezentaha ghal hlas kif inhi.

3. Kien irceva struzzjonijiet biex ibiddel ix-xift u jidhol xoghol. Dina biss referibbilment ghal gurnata tat-8 ta’ April 2006.

Illi ghalhekk huwa essenzjali illi qabel xejn wiehed jara jekk l-imputat hawnhekk kienx negligenti biss jew inkella jekk kellux l-intenzjoni rikjesta fil-ligi sabiex tinstab htija.

Illi fil-kors ta’ dawn il-proceduri gie esebit djarju ta’l-imputat tas-sena 2007 mill-prosekuzjoni (Dokument SG36 a fol. 112 tal-process), kif ukoll fotokopja ta’ year planner ghas-sena 2006. Dina ta’l-ahhar giet esebita mill-imputat stess bhala Dokument Z1 a fol 153 tal-process. Minn hawn jidher kemm l-imputat huwa bniedem metikoluz, li inizzel bl-ezatt il-granet meta huwa ikun xoghol, u il-granet li huwa ikun jew bil-frank, jew inkella bil-vacation leave jew sick leave. Fid-djarju jidher anke li kien inizzel bl-ezatt il-granet u s-sighat tax-xoghol fejn huwa intitolat ghal hlas zejjed.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi ir-ragunijiet migjuba mill-imputat ghan-nuqqasijiet tieghu huma ghal kollox inverosimili ghajr ghal gurnata tat-8 ta’ April 2006 fejn mill-provi prodotti mid-difiza jidher illi l-imputat seta dak in-nhar kien inbiddilu x-xift u ghalhekk hawnhekk qieghed jinghata il-beneficcju tad-dubbju. Illi ghar-rigward tar-raguni ewlenija illi huwa iressaq illi kien ghadu qed jahdem ir-returns bix-xift l-antik, kieku ghal grazzja ta’l-argument dana kien minnu allura kienu jirrizultaw iktar inesatezzi f’ kull return illi huwa kien ihejji u mhux dawk biss ipprezentati quddiem l-Qorti. Jidher per ezempju illi hemm xi xhur meta dawna kienu imtlew tajjeb bhal per ezempju fix-xhur ta’ Gunju, Lulju u Awissu 2006, fix-xhur immedjatament wara illi x-xift kien inbidel! Kieku wiehed kellu jemmen dak li ighid l-imputat, allura l-iktar zbalji li kien jaghmel huma appuntu fix-xhur ezattament wara l-bdil tax-xift. Inoltre l-imputat igib dina l-iskuza ukoll ghax-xahar ta’ Mejju 2006, meta jidher illi f’dana ix-xahar kien ghadu vigenti ir-roster l-antik.

Illi imbaghad ghar-rigward ta'l-ahhar difiza ta'l-imputat ghar-rigward ta' uhud ohra mir-returns fejn huwa kien jehodha leave, u xorta fir-return tax-xoghol inizzel li kien xoghol, fejn huwa ighid illi ir-retuns kien jimlihom mill-bidu tax-xahar u kien wara li kien jiddeciedi jiehu xi gurnata leave, hawnhekk certament l-imputat ma jistax ighid illi dana kien xi zball, peress illi kien ben konsapevoli meta huwa jipprezenta r-return ghal hlas illi huwa ma kienx intitolat jircevi hlas fil-granet illi ikun hadha leave. Ghalhekk l-imputat, kien fid-dmir li jiehu hsieb jirranga r-return u ma jitlobx hlas ghal granet illi huwa ma kienx ikun xoghol.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn l-konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma minghajr l-ebda dubbju illi l-mens rea u cioe' id-dolo ta'l-imputat gie ippruvat lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli u kollox jindika illi meta l-imputat kien jimla dawna r-returns kien ben konsapevoli illi huwa kien ser jiehu hlas ghal sighat ta' xoghol illi huwa ma kienx hadem. Kien ben konsapevoli tal-fatt ukoll illi is-superjur tieghu kien jafdah u ma kienx jivverifika ir-returns li kien jipprezentalu. Ghalhekk il-mens rea tirrizulta ampjament ippruvata ghal kommissjoni tar-reat.

Illi dwar il-Ligi, l-imputat jinsab akkuzat kemm bir-reat tal-frodi kif ukoll tal-falsifikazzjoni. Illi ghar-rigward ta'l-akkuza tal-frodi jew truffa ai termini ta'l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali u tal-frodi innominat ai termini ta'l-artikolu 309, fil-ligi taghna sabiex ikun hemm il-kommissjoni ta' dawn ir-reati jrid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li iggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli il-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata volontarjament taghti xi haga lil-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri o artifizi – dak li fid-dottrina jissejjah il-mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) – (ara sentenza Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby deciza Appelli kriminali 12/02/1999).

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Sammut (16 ta' Marzu 1999), gie deciz:

"*Il-messa in xena (jew artifizi jew raggiri), mehtiega ghall-finijiet ta'l-artikolu 308 ma hemmx ghalfejn li tkun xi haga kkumplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet. Infatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizi jew raggiri jistghu jiehdu."* Illi f'dana il-kaz permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz illi l-imputat ghamel fir-returns tieghu, huwa inganna lis-superjuri tieghu billi gieghlhom jemmnu illi huwa kien ikun qieghed xoghol fil-granet indikati minnu u ghalhekk intitolat ghal hlas zejjed meta fil-fatt dana ma kienx qieghed isehh, biex b'hekk huwa kien qieghed jircevi hlas li ghalih huwa ma kienx fil-verita' intitolat.

Illi ghalhekk l-imputat huwa hati ta' reat taht dana d-dispost tal-ligi u cioe' tal-frodi u truffa kif previst fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghar-rigward tar-reat tal-falsifikazjoni, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Illi fl-artikoli mahruga mill-Avukat Generali hemm elenkati diversi disposizzjonijiet tal-ligi li jikkontemplaw diversi reati ta' falsifikazzjoni. Illi anke meta wiehed ihares lejn l-akkuzi jirrizulta illi l-imputat huwa akkuzat b'tlett tipi ta' falsifikazzjoni. Illi certament dawna inghataw kollha bhala akkuzi alternattivi u dana peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta' modalita' kif jigi kommess il-falz. Fil-fatt il-ligi taghna taghmel anke distinzjoni bejn il-falz ideologiku u il-falz materjali. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Galea" deciza 17 October 1997:

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut tieghu, ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed genwin, mentri il-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico,*

*perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta. S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …"*

Illi fil-kaz in dizamina wiehed ma jistax ighid illi dana huwa xi kaz ta' falz materjali u dana peress illi l-imputat bl-ebda mod ma biddel is-sustanza tad-dokument, izda biss falz ideologiku peress illi fl-istess dokument nizzel fatti li ma kenux sehhew fil-verita u cioe' ghamel dikjarazzjoni falza f'dana id-dokument. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat huwa hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 biss u cioe' tal-hames akkuza. Dana sehh meta l-imputat ghamel dikjarazzjoni falza fir-returns tieghu meta iddikjara illi huwa kien xoghol, meta dana ma kienx minnu u dana sabiex jaghmel qliegh favur tieghu.

Illi l-elementi tar-reati l-ohra ikkontemplati fit-tielet u ir-raba akkuzi ma jisussistux f'dana il-kaz u dana peress illi filwaqt li l-artikolu 167 jikkontempla falsifikazzjoni materjali ta' dokument, cedola, polza jew ordni sabiex wiehed jikseb hlas, jew jiehu l-kusninna ta' oggetti, jew jigbor depozitu, jew rahan minn ufficjal pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, l-artikolu 185 jikkontempla ir-reat ta' ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz minn ufficjal jew impjegat pubbliku li xogholu huwa propju li johorg dawna ic-certifikati jew dikjarazzjonijiet. L-elementi ta' dawna r-reati ma jinkwadrawx ruhhom taht il-fattispecje ta' dana il-kaz peress illi l-imputat jimla ir-returns in kwistjoni ghall-uzu personali tieghu sabiex huwa jithallas ghal hinijiet zejda ta' xoghol illi huwa ikun ghamel.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-fattispecje ta' dana il-kaz jistghu jaqaw biss taht l-elementi tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni, il-fedina penali netta ta'l-imputat, il-fatt illi huwa diga irrifonda il-flus mehuda minnu indebitament. Jidher ukoll is-servizz ta'l-imputat fi hdan il-korp dejjem kien wiehed ezemplari ghajr ghal dana in-nuqqas li dwaru illum jinsab akkuzat. Madanakollu il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputat huwa membru fil-korp tal-pulizija u ghalhekk kien fid-dmir illi dawna it-tipi ta' reati jara li ma isehhux u mhux jikkomettihom huwa stess. Illi minhabba il-kariga tieghu bhala ufficjal pubbliku il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tapplika ukoll id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali u cioe' illi bhala zieda mal-piena taghti l-interdizzjoni generali perpetwa. (ara sentenza Il-Pulizija vs Mario Cassar – Qorti ta'l-Appelli Kriminali 18/06/1955).

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 141, 188, 190 u 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, tielet u raba imputazzjonijiet peress illi ma jirrizultawx, issibu hati ta'l-ewwel, il-hames u sitt akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta' ghaxar xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, dana il-perijdu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti b'zieda mal-piena, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tordna l-interdizzjoni perpetwa u generali tal-hati.

Il-Qorti spjegat lill-hati il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------